MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Numru 333/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur Angelo Caruana)
**vs**
**Horace Cassar Sive' Louis Cassar**
**Alfred Zahra**

**Fil-konfront ta' Horace Cassar.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Louis k/a Horace Cassar ta' 42 sena imwieled Pieta' nhar l-01 t'Awwissu 1962 bin Joseph u Lorenza nee' Cassar u residenti gewwa 33 Triq il-Bieqja, B'Bugia jew Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 507162M.

Tall f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xhur ta' qabel id-data tal-15 ta' Mejju 2000 b'diversi atti maghmulin flimkien ma persuna ohra ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; u cioe:-

a) Talli fit-23 ta' Frar 200 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar fiz-Zurrieq ikkommetta serq ta' somma flus li tammonta ghal-madwar sittin lira Maltin (LM 60) u cash register mill-fond 'PG and Sons Discount Store' sitwat iz-Zurrieq, ghad-dannu ta' Paul Galea, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, valur u mezz.

b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-Paul Galea u diversi persuni kontra l-volonta' taghhom.

c) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel id-delitt ta' serq kellhu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regoalri.

d) U aktar talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u gar arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

e) Talli ukoll f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Frar 2000, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellhu fidejh jew fuqhu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu bi ksur ta' l-artikolu 3 (1A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Talli fit-22 ta' Frar 2000 f'xi hin matul il-gurnata minn gewwa G'Mangia ikkommetta serq ta' vetura, numru ta' registrazzjoni KAI 773, tal-ghamla Ford Anglia, li l-valur taghha jammonta ghal- aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira Maltin (LM 1000) ghad-dannu ta'

Anthony Borg liema serq huwa kkwalifikat bil-valur bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

g) U aktar talli fit-18 ta’ Frar 2000 gewwa B’Bugia f’xi hin matul il-gurnata ikkommetta serq ta’ kwantita ta’ deheb li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira izda anqas minn elf lira, kwantita ta’ ghasafar u arma tan-nar mill-fond 7, Sqaq San Gorg sitwat f’ B’Bugiaghad-dannu ta’ Mark Farrugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur.

h) Talli fil-15 ta’ Mejju 2000 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer u fiz-zminijiet ta’ wara, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew immexxiehom.

i) U aktar talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija f’perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Awla 6, datata 3 ta’ Lulju 1998, u talli sar recediv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ nhar l-04 ta’ Frar 1994 u l-31 ta’ Jannar 2000 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat it-talba ghal-zjieda fl-akkuza li giet milqugh (fol 15).

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tal-20 ta’ Mejju 2002.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u rega’ tenna fil-prezenza ta’ l-avukat tieghu wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena.

Stante ammissjoni issibb lil-akkuzat hati.

Rat l-artikoli 18, 261, 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 271(G), 330, 17 (b) (h) tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 2,3(1), 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal maghmul mid-difiza u l-prosekuzzjoni fid-19 ta’ Novembru 2003 u li l-Avukat Generali ma ghamel l-ebda akkuza fuq ir-ricediva.

Issib lill-akkuzat hati tar-reati taht l-artikoli fuq imsemmija u mhux hati that l-artikolu 334 tal-Kap. 9.

Tikkundannah sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin li jkompli jhallih iwettaq il-programm ta’ tishih li diga beda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------